MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Numru. 477/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Charlotte Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Charlotte Vella, bint Noel u Andreana nee` Borg, imwielda Pieta` nhar il-31 ta' Awwissu 1980, residenti 112, Triq l-Ifran, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 497780(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Jannar 2008 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitix bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) U aktar talli saret recidiva wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ nhar l-10 ta’ Jannar 2005 moghtija mill-Magistrat Dott. A. Lofaro LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fis-seduta tat-12 ta’ April 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkonceditilha

zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba u terga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fedina penali aggoranta tal-istess imputata li kienet kwazi netta sa dakinhar tar-reat in kwistjoni, u min-naha l-ohra l-fatt illi l-imputata hija recidiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, u tikkundannaha ghal piena ta’ multa ta’ sitt mitt Euro (€600) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut miinnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew tal-affarijiet konnessi mal-abbuz tad-droga, Dokument PG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema

dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma gewx mahtura esperti f’dan il-kaz, il-Qorti qed tastjenti milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------